MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2011

Talba Numru. 4/2011

Adrian Grech

vs

Joseph Cordina

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fis-17 ta’ Marzu 2011, li jaqra hekk :-

‘Illi fis-7 ta’ Marzu 2010, fi Triq L-Imgarr, Xewkija, Ghawdex, l-attur waqt li kien qed isuq il-vettura tieghu CBF 442 fl-imsemmija triq, gie sorpriz u baqa’ diehel f’gebliet kbar li kien hemm f’nofs it-triq li sar jaf li kienu partijiet tas-*central strip* li hemm f’dik it-triq, liema gebliet kienu gew mtajra mill-konvenut Joseph Cordina ftit hin qabel meta dan bil-vettura tieghu PEP 555 baqa’ diehel fis-*central strip* u tajjar l-istess gebel f’nofs it-triq ;

Bhala konsegwenza ta' dan l-incident l-attur sofra bhala danni s-somma ta' elf u hames mitt Euro (€1,500) ;

Illi l-attur kien baghat ittra ufficjali lill-konvenut u lill-assikurazzjoni tieghu biex ihallsu, izda dan kien kollu ghal ta' xejn ;

Ghaldaqstant, l-attur qed jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu (1) jiddikjara illi l-konvenut bl-agir tieghu ikkrea perikolu kbir fit-triq minn fejn kien ghaddej l-attur bil-vettura tieghu CBF 442, u bhala konsegwenza ta' dan il-perikolu kkaguna l-incident u d-danni konsegwenzjali li sofra l-attur; (2) jikkundanna lill-konvenut biex ihallas id-danni konsegwenzjali li sofra l-attur fl-ammont ta' elf u hames mitt Euro (€1,500), bl-imghax tat-8% mid-data tal-ittra ufficjali mibghuta fit-8 ta' Gunju 2010, u bl-ispejjez tal-prezenti proceduri u tal-ittra ufficcjali prezentata kontestwalment ma' dawn il-proceduri ;

Il-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni.' ;

Il-konvenut permezz tar-risposta tieghu pprezentata fil-11 ta' April 2011, eccepixxa :-

'1. Illi dan it-Tribunal ma huwiex kompetenti li jddeciedi dan il-kaz *rationae materiae* ;

2. Illi l-esponenti ma ghandux ibati l-ispejjez allegatament subiti mill-attur u dan peress li meta huwa habat gos-*central strip* huwa wegga' u ttiehed l-isptar, bil-konsegwenza li ma kienx f'pozizzjoni li jwarrab il-gebel ;

3. Illi n-negligenza giet ezercitata da parti tal-attur li messu zamm *a proper look out* u evita affarijiet li huma stazzjonarji bhal gebel ;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.' ;

Sama' l-provi tal-partijiet ;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha ;

Ra d-digriet tat-12 ta' Lulju 2011, li bih laqa' t-talba tal-attur biex l-ammont tat-talba jigi awmentat ghal elfejn hames mija u erbgha u sebghin Euro u sitta u sittin centezmi (€2,574.66) ;

Sama' lid-difensuri tal-partijiet li ttrattaw oralment il-kawza ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Din il-kawza tirrigwarda talba ghall-hlas tad-danni li gew sofferti mill-attur minhabba hsarat li ssubiet il-vettura tieghu tal-ghamla Peugeot 306 li ghandha n-numru ta' registrazzjoni CBF 442 meta biex jipprova jevita mpatt ma' xi gebel li kien hemm f'nofs ta' triq, hu baqa' diehel fil-hajt, liema gebel kien gie mtajjar ghan-nofs it-triq f'habta li kellu l-konvenut bil-vettura tieghu tal-ghamla Ford bin-numru PEP 555 ftit mumenti qabel ma' sehh l-incident li fih kien involut l-attur, meta l-konvenut tilef il-kontroll tas-sewqan u baqa' diehel gos-*central strip* li hemm quddiem il-Gozo Stadium, u bl-impatt xi gebel minnha tar ghal got-triq ;

Qabel ma jidhol biex jezamina l-kwistjoni tar-responsabbilita' o meno tal-konvenut, dan it-Tribunal sejjer l-ewwel jezamina l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza tieghu *rationae materiae* li qajjem il-konvenut. M'hemmx dubbju li din il-kwistjoni taqa' fil-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal. It-talba tal-attur hija ghall-hlas ta' ammont ta' flus li huwa hallas f'tiswijiet fuq il-vettura tieghu minhabba l-hsara li garrbet il-vettura meta baqa' diehel fil-hajt biex jevita l-gebel li nqala' mis-*central strip* bil-habta li kellu l-konvenut u kien spicca f'nofs ta' triq. Din mhix kwistjoni ta' habta bejn zewg vetturi u d-dispozizzjonijiet tal-Kap.387 ma japplikawx ghall-kaz taht ezami. Il-kaz prezenti hu l-konsegwenza ta' delitt veru u proprju allegatament kommess mill-konvenut *di fronte* ghall-istess attur u fejn dan irriporta hsarat li gew subiti fil-vettura tieghu li taghhom qed izomm responsabbli lill-

konvenut. Din l-eccezzjoni ghalhekk hija insostenibbli u qed tigi michuda ;

Dwar ir-responsabbilita' o meno tal-konvenut ghad-danni li qed jirreklama l-attur minghandu, il-konvenut jimmotiva l-posizzjoni minnu assunta illi l-htija ghandha tigi addebitata lill-attur u mhux lilu fuq il-premessa bazika illi dan naqas li jzomm *a proper look out* ta' dak li kien *in plain view* ;

Huwa principju ben akkolt fil-gurisprudenza taghna illi 'min ifittex ghad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta' kawza u effett mad-danni sofferti.' (**Kollez. Vol XXX.iii.142**) ;

Irrizulta mill-provi li l-incident sehh waqt li l-attur kien qed isuq f'xita qliel. Kif xehed l-istess attur, kien hemm vettura ohra li kienet qed tinstaq fuq quddiem li ghaddiet minn fuq dan il-gebel u baqghet sejra bla ma gralha xejn, izda kif tfaccaw quddiemu l-bicciet tal-gebel, l-attur inhasad kif rahom ma' wiccu u pprova jiskapulahom u bil-manuvra li ghamel il-vettura spiccat harbitlu minn taht il-kontroll tieghu u baqa' diehel fil-hajt bil-vettura tieghu giet thares fid-direzzjoni ta' Ghajnsielem  filwaqt li garrbet hsarat konsiderevoli ;

It-triq fejn sehh l-incident hija wahda dritta u wiesgha u mdawla tajjeb bid-dawl tal-lampi tat-triq. PS1346 xehed li ghalkemm dawn il-gebel kienu f'nofs ta' triq, jekk wiehed kellu jkun gej isuq b'velocita' moderata, dawn il-gebel kien jarahom u kien jikkontrolla s-sewqan tieghu u jevita l-ostakolu u milli jgarrab hsara mieghu. Jidher li l-attur kien gej isuq b'velocita' pjuttost elevat u kif sab ma' wiccu l-ostakolu u gie biex japplika l-brejkijiet, huwa gralu l-istess bhalma kien gralu l-attur ftit mumenti qabel, u bhalu tilef il-kontroll tas-sewqan tieghu u habat fil-hajt ;

L-attur qed jipprova jitfa l-htija ta' dak li gralu fuq il-konvenut, izda c-cirkostanzi jindikaw li kien hemm sewqan negligenti da parti tieghu wkoll. Huwa veru illi l-ebda negligenza ma tista' titqies gustifikabbli tant li hu pacifikament akkolt ukoll illi 'n-negligenza ta' *road user*

wiehed ma tiggustifikax in-negligenza ta' *road user* iehor jekk dan seta' jevita l-konsegwenzi ta' dik in-negligenza, u kolpozament ma evitahomx.' (**Il-Pulizija vs Giuliano Calleja, Kollez. Vol XXX.iv.616**) ;

Ghalhekk l-attur ma jistax jitfa' t-tort ghall-hsara li garrab fuq l-attur meta hu stess kien negligenti u m'gharafx jikkontrolla s-sewqan tal-vettura tieghu meta sab l-ostakolu quddiemu tant li l-vettura harbitlu minn taht il-kontroll tieghu u baqa' diehel fil-hajt. Il-hsara subita mill-attur ma kenitx mal-gebel li kien hemm f'nofs ta' triq, izda bil-habta li habat mal-hajt li minn natura tal-hsara li garrbet il-vettura din kienet wahda konsiderevoli billi l-impatt kien wiehed qawwi, li tkompli tikkonferma l-velocita' elevata li biha kien gej isuq l-attur, li bla dubbju fic-cirkostanzi partikolarment il-kundizzjonijiet tat-temp u tat-triq fil-mument tal-habta s-sewqan da parti tieghu kellu jkun ferm aktar moderat halli jaghraf jikkontrolla ahjar il-vettura tieghu f'kaz ta' xi emergenza subitanea bhalma kien il-kaz taht ezami ;

Ghaldaqstant ghall-motivi premessi dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi jichad it-talba tal-attur.

L-ispejjez fic-cirkostanzi ghandhom jitbaghtew ugwalment bejn il-partijiet minhabba l-eccezzjoni tal-inkompetenza li qajjem il-konvenut u li giet michuda.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------